**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**9 ta' Mejju, 2021**

# JUM L-OMM

Illum qegħdin niċċelebraw jum l-omm. Għażilna dil-karikatura li tiġbor ftit – u ħafna! – minn dak li twettaq l-omm fil-familja. Il-karikatura tidher taċ-ċajt imma turi sewwa dik l-imħabba li timbotta l-omm biex tlaħħaq ma' kollox. U l-ommijiet mhux fil-kċina biss iwettqu l-irwol matern tagħhom.



Dan l-aħħar il-Papa faħħar lin-nisa għall-fatt li fil-pandemija li għaddejjin minnha, "on the whole they reacted better and more quickly than others". Huwa l-ispirtu matern ukoll li wassal li bħalissa fid-dinja għandna ekonomisti nisa li wrew li "standards textbook economics" huma inadekwati.

L-ispirtu matern li hemm f'kull mara huwa garanzija ta' familja aħjar u anke ta' pajjiż fejn il-bniedem ma jkunx biss numru.

F'dan il-jum iddedikat lill-ommijiet, nitolbu għall-ommijiet kollha ħajjin u li ħallewna u nirringrazzjawhom għal kulma jagħmlu u għal kulma għamlu magħna.



F'dan il-Ħadd qed niftakru f'San Ġorġ Preca, il-fundatur tal-Museum. Minn hawn niżżuħajr lill-membri tal-Mużew li tant jagħmlu ħidma id f'id mal-ommijiet sabiex it-tfal jikbru f'saħħithom, fil-moħħ u fil-qalb ukoll!

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

### ROKNA EKOLOĠIKA: INĦARSU L-IBĦRA

Fil-25 ta' Marzu li għadda, il-Vatikan organizza konferenza fuq il-ħarsien tal-ibħra. L-ibħra tad-dinja jżommu fihom 80% tal-affarijiet ħajjin fid-dinja. Illum l-oċeani qegħdin ibatu minn tinġis u sajd esaġerat.

**SENA ĊENTINARJA - 28:** Il-membri kollha tal-Leġjun jesprimu rabta ma' sħabhom kull fejn jinsabu permezz tat-talb, speċjalment ma' dawk li jkunu qed iwettqu apostolat barra minn pajjiżhom anki fost dawk ta' twemmin ieħor.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fil-5:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am